

Sommarju eżekuttiv tal-Programm ta' Ħidma tal-EBA għall-2023

Il-Programm ta' Ħidma tal-EBA għall-2023 tħejja billi tqiesu l-mandati eżistenti u dawk mistennija mill-koleġislaturi u l-kompiti li jirriżultaw mir-regolament ta' twaqqif tal-EBA, inkluża l-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni attwali tas-settur bankarju Ewropew.

F'dan l-isfond, ġew identifikati attivitajiet u kompiti speċifiċi fuq il-linji tal-prijoritajiet strateġiċi vertikali u orizzontali approvati mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA f'Jannar 2022 għas-snin 2023 sal-2025 fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) tal-Awtorità. Dawn il-prijoritajiet se jiggwidaw l-intensità u l-organizzazzjoni tal-ħidma meħtieġa biex jitwettqu d-diversi mandati u kompiti tagħha. Dawn huma miġbura fi 19-il attività ewlenija, b'10 relatati mal-politika u l-konverġenza, 5 relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u d-*data*, u 4 relatati mal-governanza, il-koordinazzjoni u l-appoġġ.

Il-programm ta' ħidma bbenefika mir-rakkomandazzjonijiet li waslu mill-Kumitat Konsultattiv tal-EBA dwar il-Proporzjonalità (ACP) f'Lulju 2022. Dan l-input se jiġi indirizzat matul il-fażi ta' eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu se tiġi kkomunikata fir-rapport annwali tal-EBA għas-sena 2023.

Meta mqabbla mal-programm ta' ħidma għall-2022, ġew introdotti aġġustamenti biex jirriflettew mandati ġodda mistennija fl-2023, speċjalment il-ftehimiet politiċi mil-huqa dwar it-testi DORA u MiCA, u fin-nuqqas ta' riżorsi ddedikati previsti għall-ħidma fuq it-tnejn għal dawn il-leġiżlazzjonijiet ġodda, ġew previsti riprijoritizzazzjonijiet f'oqsma oħra.

Saru wkoll aktar sforzi biex jitnaqqsu u jiġu ssimplifikati l-attivitajiet sabiex jiġi ċċarat kif dawn jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-EBA, biex b'hekk ikun hemm organizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-mandati eżistenti u ġodda tal-EBA, u fl-aħħar mill-aħħar l-attivitajiet isiru aktar konformi mar-riorganizzazzjoni introdotta fl-2022.

Wara ħarsa ġenerali lejn il-prijoritajiet pluriennali, il-programm ta' ħidma tal-EBA għall-2023 jiffoka fl-ewwel kapitolu fuq il-prijoritajiet għas-sena. Fit-tieni kapitolu, jingħataw dettalji dwar l-attivitajiet li l-EBA se twettaq fl-2023, b'deskrizzjoni qasira tal-ħidma u tal-prijoritajiet li jikkontribwixxu għalihom għal kull waħda mid-19-il attività, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn l-outputs ewlenin li għandhom jitwasslu u sa meta. Ġew identifikati kompiti li jistgħu jiġu riprijoritizzati bħala riżultat tal-limitazzjonijiet tar-riżorsi msemmija hawn fuq. Żewġ annessi, wieħed b'organigrama, it-tieni bl-allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività, jikkompletaw il-programm ta' ħidma tal-EBA għall-2023.